**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**IMHALLEF**
**ONOR GINO CAMILLERI LL D**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 947/02**

**Fl-ismijiet:**

**Maria Concetta Micallef**
**Vs**
**Ernest Grech et**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti ezebiti;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2002;

Il-perit tekniku kkonkluda li l-bini ta' l-intimati qed jinbena kif suppost. In oltre, kkonkluda li sar skavar fil-proprjeta' tar-rikorrenti u li fuq naha wahda ma nzammitx id-distanza rikjesta mil-ligi tal-hajt ta' l-appgg sal-istess skavar.

Fir-rigward ta' dawn l-ahhar konkluzzjonijiet jirrizulta li r-rikorrenti damu ma jiehdu azzjoni u hallew il-bini ta' l-intimati jitla' mhux hazin.

Ghalhekk, ma jidhirx li, f'dan l-istadju, l-hrug ta' dan il-mandat hu mehtieg.

Ghalhekk tirrevoka 'contrario imperio'd-digriet taghha tat-3 ta' Mejju 2002 u tipprovdi b'mod definittiv billi tichad it-talba.

Illum, 19 ta' Gunju 2002

Deputat Registratur